# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap:Alla jagħtina t-talenti**

**Lezzjoni: 1.6 L-Eroj ikabbruna**

**Għanijiet:**



1. Jirrevedu u jiddiskutu l-eroj tagħhom
2. Janalizzaw l-imġiba ta' dawn il-persuni
3. Jaħdmu biex ikabbru fihom l-attitudnijiet meħtieġa, fost l-oħrajn l-ubbidjenza, l-qadi u l-kuraġġ.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint 1. : b'affarijiet li huma simboli ta' talenti,
- Powerpoint 2: simboli li jispikkaw u li jfakkru fl-eroj li tkellimna fuqhom qabel

http://www.youtube.com/watch?v=1zo3fJYtS-o

**God will make a way**



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Uri powerpoint stampa 1 u stieden lill-istudenti jiftakru f'nies importanti li jammiraw u li l-istampi jfakkruhom fihom.
- Oħroġ mid-diskussjoni li l-kwalitajiet jgħinuna niżviluppaw lilna nfusna u jgħinu wkoll l-ambjent li ngħixu fih.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Uri t-tieni stampa tal-powerpoint u permezz tas-simboli murija, ħalli lill-istudenti jassoċjaw dawn is-simboli mall-eroj li nkunu semmejna mill-Antik Testment.
- Oħroġ il-kwalita' ta' **tama u fidi** f'Alla mill-istampa tat-triq imħarbta (Abraham ħalla kollox u telaq).
- Oħroġ il-kwalita' ta' **rispett u mħabba** mill-għalqa taż-żbul (Ruth baqgħet ma' Naomi biex tgħinha)
- Oħroġ il-kwalita' ta' **ubbidjenza lejn ir-rieda t'Alla** (Samwel għamel dak li Alla qallu allavolja dan kien ifisser li kellu jbati billi jwissi lil Eli minħabba li kien qed iħalli lill-uliedu jagħmlu li jridu)
- Iddiskuti dawn il-kwalitajiet fil-ħajja ta' kuljum:
  - il-kuraġġ biex nagħmel dak li jgħidli min jieħu ħsiebi u mhux li jgħidli moħħi
  - li nemmen li mit-tbatija (studju, ngħin fid-dar, inkun leali lejn sħabi, eċċ) ħa joħroġ il-ġid u jien ħa nsir aħjar.

- Ir-rispett li għandi nuri lejn kulħadd, speċjalment lejn dawk li lili jagħtuni servizz – ġenituri, għalliema, katekisti, eċċ.
- Li nobdi lil min iridli l-ġid.
- Agħlaq bis-song: God will make a way

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1.Il-kuraġġ huwa bżonnjuż biex inkunu kapaċi naqdu lill-oħrajn

2.Abram wera tama u fidi kbira meta kien leali lejn dak li ried minnu Alla

3.Rut wriet rispett u mħabba kbira lejn Naomi meta baqgħet magħha biex tgħinha

4. Samwel wera ubbidjenza lejn dak li qallu Alla biex jagħmel allavolja dan kien ta' tbatija għalih li kellu jgħid lil Eli dwar uliedu.



**Nagħżlu flimkien (Attitude)**



Sabiħ li nagħtu eżempju tajjeb bħalma naraw f'dawk ta' madwarna . illum naħdmu biex inkunu ta' eżempju tajjeb.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

http://www.youtube.com/watch?v=1zo3fJYtS-o

**God will make a way**



**Nitolbu**



Mulej, mhux dejjem faċli li nagħmel is-sew, għax xi kultant irrid nagħmel ta' rasi. Għini nifhem li min jagħmel ta' rasu ser ibgħati hu.